MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 368/2003

Bank of Valletta p.l.c.
vs
Anthony Saliba

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:

Illi s-socjeta` attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lill-konvenut Anthony Saliba.

Premess illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Anthony Saliba fis-somma ta’ hamest elef, erab’ mija u wiehed u disghin Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm5,491.25) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Account” ta’ Anthony Saliba mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok A1 u A2) flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-1 ta’ April 2003 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

U premess illi l-konvenut gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 18 ta' Frar 2003 li kopja taghha giet esebita mac-citazzjoni u mmarkata Dok B, sabiex ihallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadampjenti.

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti:

Tikkundanna lil Anthony Saliba jhallas lis-sojceta` attrici s-somma ta' hamest elef, erba' mija u wiehed u disghin Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm5,491.25) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Anthony Saliba mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok A1 u A2) flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 2003 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 18 ta' Frar 2003 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li gew ipprezentati kontestwalment kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-attur.

**KONKLUZJONIJIET:**

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci.

Semghet lill-P.L. Joseph Zammit rapprezentant tas-socjeta` attrici li kkonferma li l-bilanc imsemmi fic-citazzjoni ghadu dovut minhabba li l-konvenut ma hallas xejn mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni oltre naturalment iz-zieda ta' imghax dovut.

Semghet lill-avukat ta' l-attur.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenuta tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ hamest elef, erba’ mija u wiehed u disghin Liri u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm5,491.25) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta’ April 2003 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------